missio
Jien. Int. Aħna. **Flimkien.**
(VO/1178)

## Jum Dinji Missjunarju – 24 ta' Ottubru 2021

# GHAX AHNA MA NISTGHUX MA NITKELLMUX FUQ DAK LI RAJNA U SMAJNA

ATTI 4:20



*Ta' 16-il sena l-ħajja ta' Chen inbidlet mil-lejl għan-nhar meta rifes fuq mina tal-art li ħaditlu saqajh it-tnejn.*

*Tul is-snin 70 u 80, fil-Kambodja tpoġġew miljuni ta' bombi moħbija taħt l-art li kif tirfishom jisplodu. Kawża t'hekk, ħafna tfal sfaw vittmi ta' dawn l-inċidenti u d-diżabilità tagħhom tista' tillimita l-futur tagħhom.*

*Matul ix-Xahar Dinji Missjunarju f'Ottubru li ġej, inħeġġuk tgħin lil dawn it-tfal b'diżabilità bħal Chen sabiex ma jħossuhomx limitati, anzi jħossuhom mogħtija l-possibilità li huma wkoll jistgħu jitgħallmu u jibnu futur aħjar minn dak tal-lum.*

Awwissu, 2021

Għażiż Benefattur,

Filwaqt li għadna għaddejjin u għadna nħossu l-effetti tal-pandemija, ibqa' fi żgur li kemm int kif ukoll il-familja tiegħek tinsabu f'talbna. Filwaqt li nibqgħu nżommu lil xulxin fi ħsibijietna waqt dawn iż-żminijiet diffiċli, tajjeb li nkomplu nkunu ta' sostenn għal dawk kollha fil-bżonn f'pajjiżi foqra madwar id-dinja.

Għal tfal u żgħażagħ bħal Chen, iċ-Ċentru Arrupe fil-Kambodja jgħin lil nies b'diżabilità jieħdu l-edukazzjoni li tixirqilhom sabiex jinvestu fil-futur tagħhom.

Hekk kif qed noqorbu lejn ix-Xahar Missjunarju, ser noħodlok ftit tal-ħin biex naqsam miegħek l-istorja ta' Chen li ta' 16-il sena ra ħajtu tinbidel mil-lejl għan-nhar, meta rifes fuq mina tal-art li ħaditlu saqajh it-tnejn. Minn tfajjel li l-hena tiegħu jmur l-iskola, jgħin lill-familja tiegħu fir-razzett u jilgħab il-futbol ma' sħabu, Chen sab ruħu b'limitazzjoni kemm fiżika kif ukoll mentali hekk kif beda jħossu ta' piż fuq il-familja tiegħu li diġà kienu qed jitħabtu finanzjarjament. Fil-bidu kienet diffiċli wisq għal Chen biex jaċċetta li ma setax iktar jimxi b'mod normali bħal qabel.

Meta t-tama dehret mitlufa, Chen instab mill-Isqof Kike Figaredo u t-tim taċ-Ċentru Arrupe. Illum il-ġurnata, Chen mhux biss ma jħossux ta' piż, imma qed igawdi suċċess akkademiku u professjonali. Fil-fatt, Chen qed jistudja l-ipprogrammar tal-IT fl-università waqt li jaħdem fiċ-ċentru tat-tessuti 'La Paloma'.

Chen qed jingħata ċans ieħor grazzi għaċ-Ċentru Arrupe u għal Missio li jgħin lil dan iċ-ċentru bis-saħħa tad-donazzjonijiet u l-qlub ġeneruża tal-Maltin u l-Għawdxin.

Dejjem tiegħek,

Mons Valentino Borg

**Mons. Valentino Borg**
Direttur Nazzjonali
Missio Malta

90
sena ħidma
għall-missjoni

**www.missio.org.mt**

Inizjattivi oħra ta' Missio Malta

FAITH HOPE & CHARITY GIFT SHOP

Your Travel Companion ytc

raise & celebrate

AraminMar!

missio
Me. You. Us. Together.
(VO/1178)

## World Mission Sunday - 24th October 2021

# FOR WE CANNOT KEEP FROM SPEAKING ABOUT WHAT WE HAVE SEEN & HEARD

ACTS 4:20



*At 16 years of age, Chen's life changed drastically when he lost both legs after stepping on a landmine.*

*Between the 70s and 80s, millions of landmines were planted and hidden underground throughout all of Cambodia. As a result, a lot of children ended up being victims of such incidents and these disabilities somewhat limit their future.*

*During World Mission Month this October, we encourage you to help empower people with special needs such as Chen.*

August 2021

Dear Benefactor,

As we continue to feel the effects of the pandemic, rest assured that both you and your family are in our prayers. While we continue to hold each other in mind during these difficult times, it is good to continue to support all those in need in poor countries around the world.

For children and youths like Chen, the Arrupe Centre in Cambodia helps people with disabilities get the education they deserve in order to invest in their future.

As we are nearing the Missionary Month, I will take some time to share with you the story of 16-year-old Chen, who saw his life change overnight, when he stepped on a landmine that took both his legs. From a boy who happily went to school, helped his family on the farm and played football with his friends, Chen found himself with both physical and mental limitations as he began to feel a burden to his family who were already struggling financially. At first it was too difficult for Chen to accept that he could no longer walk normally as before.

When hope seemed lost, Chen was found by Bishop Kike Figaredo and the Arrupe Centre team. Nowadays, Chen not only does not feel a burden, but he is enjoying academic and professional success. In fact, Chen is studying IT programming at university while working at 'La Paloma' textile centre.

Chen is being given another chance thanks to the Arrupe Centre and to Missio who help this centre thanks to the donations and the generous hearts of the Maltese and Gozitans.

Yours sincerely,

Mons Valentino Borg

**Msgr Valentino Borg**
National Director
Missio Malta

90 years working in aid of the missions

www.missio.org.mt

---

*Other intiatives by Missio Malta*

Faith Hope & Charity Gift Shop | ytc Your Travel Companion | raise & celebrate | Ara min Mar!